IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2023
COM(2023) 299 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Rapport ta’ progress tal-2022 dwar l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp

MT MT

## Introduzzjoni

Dan id-dokument huwa t-tieni rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp b'rispons għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, adottati fl-14 ta' Ġunju 2021 (il-"Konklużjonijiet tal-Kunsill"). Ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet imressqa mill-Kummissjoni fl-2022 biex timplimenta l-pjan direzzjonali tagħha (il-"Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni") għal arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (EFAD) imtejba, adottata fl-24 ta' Marzu 2022, flimkien mal-ewwel rapport ta' progress ([1]). Minħabba n-natura retrospettiva tiegħu, ma fihx komponent ta' prospettiva strateġika. Madankollu, jipprovdi bażi siewja għal riflessjonijiet fit-triq 'il quddiem. Ir-rapport jiffoka fuq l-azzjonijiet li huma fil-kompetenza tal-Kummissjoni b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/mal-Viċi President tal-UE.

## 1. Kuntest

Wara l-adozzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali-Ewropa Globali (NDICI-GE) u tal-biċċa l-kbira tad-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali fl-2021, l-2022 tikkostitwixxi l-ewwel sena tal-użu sħiħ tal-**qafas uniku l-ġdid tal-UE għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab** (apparti l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III). Il-qafas regolatorju l-ġdid jinkludi l-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (** EFSD+) - il-fergħa finanzjarja tal-NDICI-GE - li tappoġġa l-investimenti f'pajjiżi terzi ma' kontropartijiet sovrani, subsovrani u tas-settur privat permezz ta' operazzjonijiet ta' taħlit u garanziji baġitarji.

Bl-użu ta' dan is-sett imġedded ta' għodod, il-Kummissjoni tejbet l-isforzi tagħha biex l-EFAD issir aktar koordinata, inklużiva u viżibbli u biex tħalli impatt akbar, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u f'koerenza sħiħa mal-isforz usa' biex jiġi promoss l-**approċċ ta' Tim Ewropa** ([2]).

F'konformità mal-prinċipju ta' il-"**Politika l-Ewwel**", il-modalitajiet ta' implimentazzjoni kollha tal-NDICI-GE, inklużi dawk taħt l-EFSD+, tqiegħdu għas-servizz tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni permezz ta' **direzzjoni politika** b'saħħitha fil-livelli kollha: mit-tfassil ta' dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali u d-definizzjoni ta' orjentazzjonijiet strateġiċi tal-EFSD+, għal djalogu ta' politika fil-livell tal-pajjiż sieħeb u l-għażla u t-tfassil ta' inizjattivi u programmi individwali.

L-istrateġija **Global Gateway** ([3]), imnedija f'Diċembru 2021, ipprovdiet dimensjoni komprensiva ewlenija ġdida li tiggwida l-allinjament tal-operazzjonijiet ta' investiment

([1]) Pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għal arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp imtejba u rapport ta' progress tal-2021 COM(2022) 139 final

([2]) L-approċċ ta' "Tim Ewropa" huwa bbaażat fuq kontribuzzjonijiet mill-Unjoni Ewropea u jikkombina r-riżorsi mobilizzati mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, inklużi r-regoli tal-votazzjoni, stabbiliti mit-Trattati tal-UE. L-approċċ ta' Tim Ewropa jistrieħ fuq l-UE, l-Istati Membri tagħha, l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom, inklużi l-banek nazzjonali tal-iżvilupp u l-aġenziji ta' implimentazzjoni, kif ukoll fuq il-BEI u l-BERŻ. Huwa implimentat ukoll fil-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż permezz ta' delegazzjonijiet tal-UE, biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-UE fil-prattika.

([3]) Komunikazzjoni Konġunta "Il-Portal Globali" JOIN(2021) 30 final

fl-isfera tal-azzjoni esterna mal-prijoritajiet u mal-interessi tal-politika tal-UE. Global Gateway ikopri kemm il-konnettività fiżika kif ukoll l-ambjent abilitanti, l-oqfsa regolatorji u n-normi u l-istandards. Għandu l-għan li jagħti spinta lil rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, klimatiċi, tal-enerġija u tat-trasport, u li jsaħħaħ is-sistemi tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tas-saħħa madwar id-dinja. Għall-pajjiżi koperti taħt il-pakkett tal-Viċinat u l-benefiċjarji tal-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA) III, l-istrateġija Global Gateway hija implimentata permezz tal-pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment reġjonali ([4]).

Min-naħa tal-UE, hija tislet fuq sett ta' għodod finanzjarji fil-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE 2021-2027, b'mod partikolari l-NDICI-GE u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III, iżda wkoll il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Interreg, l-InvestEU u Orizzont Ewropa - il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni.

L-investimenti ta' Global Gateway jistgħu jilħqu biss il-livell previst u joħolqu impatt tanġibbli u viżibbli fil-prattika jekk jiġu appoġġati b'mod kollettiv mill-UE u mill-Istati Membri f'approċċ ta' Tim Ewropa. Jeħtieġ li l-UE, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet ta' Finanzjament għall-Iżvilupp tagħhom, il-BEI, il-BERŻ u s-settur privat Ewropew jiġu mmobilizzati. Għalhekk EFAD imtejba u b'saħħitha hija fundamentali għat-twettiq effettiv tal-Istrateġija Global Gateway.

## 2. Ħarsa ġenerali lejn il-progress fl-2022

Il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni huwa organizzat madwar erba' elementi ta' ħidma:

i) l-affermazzjoni ta' **direzzjoni politika** b'saħħitha tal-UE biex tissaħħaħ il-koerenza tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji mal-objettivi tal-politika esterna tal-UE sabiex **jiġi massimizzat l-impatt tal-iżvilupp** tal-attivitajiet tal-UE f'pajjiżi terzi u l-allinjament tagħhom mal-interessi strateġiċi tal-UE.

ii) il-promozzjoni ta' **koordinazzjoni** mtejba

iii) il-bini ta' arkitettura finanzjarja **aktar inklużiva**

iv) l-iżgurar ta' **viżibbiltà u influwenza** akbar għall-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri.

Sar progress sinifikanti f'kull wieħed minn dawn l-erba' oqsma (kif muri fid-dettall fit-taqsima 3).

### Direzzjoni politika tal-UE b'saħħitha

Il-Kummissjoni tiżgura l-ġestjoni tal-EFSD+ permezz tal-mekkaniżmu ta' governanza stabbilit mill-NDICI-GE, li huwa artikolat fil-Bord Strateġiku tal-EFSD+ u fil-Bordijiet Operazzjonali Reġjonali([5]). Dawn jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-EFSD+, kemm għall-operazzjonijiet ta' taħlit kif ukoll għall-garanziji baġitarji.

([4]) Dokumenti ta' referenza: Il-Komunikazzjoni Konġunta "A new Agenda for the Mediterranean Reference to three EIPs" u d-dokument ta' akkumpanjament "Renewed Partnership with the Southern Neighbourhood Economic and Investment Plan for the Southern Neighbours" SWD(2021) 23 final; Il-Komunikazzjoni Konġunta "Eastern Partnership policy beyond 2020 Reinforcing Resilience - an Eastern Partnership that delivers for all" u d-dokument ta' akkumpanjament "Structured Consultation on the future of the Eastern Partnership" (SWD(2020)56 final); Il-Komunikazzjoni Konġunta "Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)641 final)

([5]) Il-Bord Strateġiku tal-EFSD+ huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, tal-Istati Membri kollha u tal-BEI. Il-Parlament Ewropew għandu status ta'

F'konformità mal-**prinċipju "il-politika l-ewwel"**, il-Kummissjoni tipprovdi direzzjoni politika solida għall-operazzjonijiet kollha tal-EFSD+, filwaqt li tiżgura li l-garanziji u l-operazzjonijiet ta' taħlit tal-EFSD+ huma allinjati mal-prijoritajiet ta' Global Gateway, u li jiġu implimentati l-inizjattivi ewlenin tagħha, prinċipalment permezz ta' Inizjattivi ta' Tim Ewropa, li jirriżultaw mill-prijoritajiet identifikati fid-djalogi ta' politika mal-pajjiżi sħab.

- F'dak li għandu x'jaqsam mal-**arkitettura miftuħa**, l-orjentazzjonijiet adottati mill-Bord Strateġiku tal-EFSD + f'Novembru 2021 infurmaw l-għażla tat-twieqi ta' investiment u s-sejħa sussegwenti għal proposti mnedija fl-2022. Din il-modalità innovattiva attirat interess qawwi mill-komunità tal-istituzzjonijiet finanzjarji kif muri mill-fatt li kien hemm sottoskrizzjoni żejda għas-sejħa bi kważi erba' darbiet. Il-kapaċità tal-investimenti proposti li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet u l-miri tematiċi u ġeografiċi tal-NDICI-GE, kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Global Gateway, kellha rwol ewlieni fl-għażla tagħhom. F'Diċembru 2022, l-ewwel 40 proposta ġew aċċettati mill-Bord Operazzjonali tal-EFSD+ għall-Afrika sub-Saħarjana, l-Amerika Latina u r-reġjuni tal-Karibew u tal-Asja u tal-Paċifiku. Dawn jammontaw għal total ta' massimu ta' EUR 6 biljun f'kapaċità ta' garanzija u huma mistennija jiġġeneraw aktar minn EUR 50 biljun f'investimenti li jkopru s-sitt twieqi tematiċi kollha mill-Konnettività, l-MSME, il-Kapital Naturali, l-Iżvilupp tal-Bniedem, il-Finanzi Sostenibbli u l-Bliet Sostenibbli, li jirriflettu s-setturi ewlenin tal-Global Gateway. Bejn Diċembru 2022 u Jannar 2023, 3 proposti addizzjonali li jkopru esklussivament il-Balkani tal-Punent u 12-il proposta li jkopru fil-maġġoranza tagħhom ir-reġjuni tat-Tkabbir u tal-Viċinat ġew approvati mill-Bord Operazzjonali tal-EFSD+.

- **L-operazzjonijiet ta' taħlit** jiġu skrutinizzati permezz ta' proċeduri interni ta' valutazzjoni tal-kwalità kif ukoll permezz ta' Laqgħat ta' Valutazzjoni Teknika (TAMs) ta' rieżami bejn il-pari qabel ma jiġu ppreżentati għall-opinjoni tal-Istati Membri fil-Bord Operazzjonali rilevanti tal-EFSD+.

- Fir-rigward tat-**tieqa esklussiva dwar is-self sovran** tal-BEI, il-ftehim ta' garanzija rilevanti ffirmat f'Mejju 2022 jipprovdi garanzija ta' EUR 26,7 biljun biex jiġi kopert is-self sovran tal-BEI f'setturi prijoritarji tal-Global Gateway inklużi l-enerġija nadifa, l-infrastruttura ekoloġika u s-saħħa. Jipprevedi prinċipji ta' kooperazzjoni għall-koordinazzjoni strateġika ġenerali, il-koordinazzjoni upstream u l-komunikazzjoni. Aspett ewlieni ta' dan il-proċess ta' koordinazzjoni msaħħaħ mal-BEI huwa l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' governanza strutturat fuq tliet passi ewlenin: il-koordinazzjoni upstream([6]) ma' timijiet ġeografiċi dwar is-sensiela ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu segwiti, il-proċedura skont l-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI ([7]) u valutazzjoni tal-eliġibbiltà.

---

osservatur. Il-Bordijiet Operazzjonali huma magħmulin minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tal-Istati Membri bħala membri votanti, u tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala osservaturi.

([6]) inkluż test tal-ammissibbiltà fejn applikabbli għal operazzjonijiet kummerċjali subsovrani.

([7]) Il-konsultazzjoni tal-BEI mal-Kummissjoni dwar l-investimenti hija regolata mill-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Protokoll Nru 5). B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 19(2) jistabbilixxu: *"[...] Applikazzjonijiet magħmula permezz ta' Stat Membru għandhom jiġu preżentati lill-Kummissjoni għal opinjoni. Applikazzjonijiet magħmula direttament minn impriża għandhom jiġu preżentati lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat*

**Koordinazzjoni mtejba**

Ġew segwiti diversi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni ulterjuri tas-**sħubijiet u l-koordinazzjoni** fost il-membri tal-EFAD fil-livell tal-kwartieri ġenerali u tal-pajjiżi.

(1) L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp ġew integrati b'mod aktar sistematiku f'diskussjonijiet ta' politika u strateġiċi, kif ukoll fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' proġetti ewlenin ta' Global Gateway. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tagħhom fil-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-UE għall-Iżvilupp, flimkien mal-Ministeri u l-Aġenziji ta' Implimentazzjoni, f'approċċ ta' Tim Ewropa, ġiet konsolidata bħala prattika standard matul l-2022, u b'hekk tikkontribwixxi għal fehim komuni tal-objettivi u l-modalitajiet.

(2) Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' Inizjattivi ta' Tim Ewropa. Dawn huma involuti f'144 minn 164 TEIs. Lil hinn mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom, qed jipparteċipaw b'mod attiv f'diskussjonijiet ta' politika u operazzjonali, billi jimmobilizzaw l-għarfien espert u l-investimenti Ewropej, kif muri pereżempju mis-sħubija tal-Global Gateway man-Namibja dwar l-Idroġenu Rinnovabbli u l-Ktajjen tal-Valur tal-Materja Prima Sostenibbli jew mis-sħubija tal-Global Gateway mat-Taġikistan dwar l-enerġija rinnovabbli. Sħubija mtejba fost membri differenti tal-EFAD tirrappreżenta s-sinsla ta' dawn l-inizjattivi, billi hija mibnija fuq infrastruttura fiżika akkumpanjata minn sett wiesa' ta' miżuri ta' akkumpanjament biex tinbena l-kapaċità, jiġu promossi riformi settorjali, jew tittejjeb il-klima kummerċjali.

(3) L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u l-aġenziji ta' implimentazzjoni ħadu passi biex ikomplu jżidu l-koordinazzjoni u l-azzjonijiet konġunti tagħhom taħt inizjattivi u arranġamenti differenti. Abbażi tas-Sħubija Mtejba, l-AECID, l-AFD, is-CDP u l-KfW, f'Ġunju 2022 nedew il-pjattaforma ta' koordinazzjoni JEFIC - Finanzjaturi Ewropej Konġunti għall-Kooperazzjoni Internazzjonali - bil-għan li jingħaqdu flimkien ir-riżorsi u jiġi kondiviż l-għarfien espert. L-intensifikazzjoni tal-iskambji bejn in-Network tal-Prattikanti, JEFIC u l-Assoċjazzjoni tal-EDFI matul is-sena ppermettiet li jiġi approfondit il-fehim reċiproku u li jiġu esplorati modi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-fornituri Ewropej tal-kooperazzjoni teknika u tal-kooperazzjoni finanzjarja. Dan wassal għal applikazzjonijiet konġunti taħt is-sejħa għal proposti tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD +.

(4) L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fost l-atturi Ewropej u mal-pajjiżi sħab u t-titjib tal-impatt u tal-viżibbiltà tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE huma l-objettivi primarji tal-**Portal tas-Sħubijiet ta' Tim Ewropa** (TEPP), pjattaforma diġitali mnedija f'Ġunju 2022 biex tgħin fit-tqabbil tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab ma' offerti ta' għarfien espert u appoġġ mill-atturi Ewropej ([8]).

---

*u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fi żmien xahrejn. Jekk ma jirċievi l-ebda tweġiba f'dan il-perjodu, il-Bank jista' jassumi li ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni għal proġett inkwistjoni."*

([8]) https://team-europe-partners.network.europa.eu/home

(5) Ir-rwol tad-**Delegazzjonijiet tal-UE bħala koordinaturi/punti fokali** biex jiffaċilitaw id-diskussjonijiet upstream mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet finanzjarji u ma' partijiet ikkonċernati oħra fil-prattika ttejjeb b'mod sostanzjali. Effett katalizzatur f'din id-direzzjoni ġie pprovdut mill-proċess tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tat-TEIs li wassal għal kooperazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-prattika u għal integrazzjoni aktar koerenti tal-investimenti fi ħdan ir-rispons ġenerali tal-UE f'pajjiż sieħeb partikolari. Id-djalogu mal-BEI ttejjeb, inkluż permezz ta' kuntatti regolari mad-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi ta' operazzjonijiet. Barra minn hekk, xi Delegazzjonijiet tal-UE għenu lill-BEI jżid il-preżenza lokali tiegħu billi ospitaw rappreżentazzjonijiet tal-BEI (eż. iċ-ċentru reġjonali tal-BEI f'Indoneżja, li nfetaħ fl-2022 fl-Uffiċċju tad-Delegazzjoni tal-UE f'Jakarta). F'konformità mal-isforz ġenerali biex tiżdied il-viżibbiltà tal-involviment tal-UE f'approċċ ta' Tim Ewropa, ġew żviluppati pjanijiet strateġiċi pluriennali ta' komunikazzjoni u ta' diplomazija pubblika għad-Delegazzjonijiet tal-UE fir-reġjuni kollha.

**Il-bini ta' arkitettura finanzjarja aktar inklużiva**

Ittieħdu passi biex tiżdied l-inklużività. Diversi istituzzjonijiet finanzjarji ppreżentaw proposti għall-ewwel darba taħt is-sejħa għal proposti tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD+ – xi wħud minnhom ingħaqdu ma' sħab b'aktar "esperjenza". Ħames istituzzjonijiet finanzjarji ġodda rċevew parir metodoloġiku mill-Kummissjoni dwar it-tnedija tal-proċedura tagħhom tal-valutazzjonijiet tal-pilastri.

Barra minn hekk, ittieħdu għadd ta' inizjattivi biex tittejjeb il-koordinazzjoni ta' għodod u strumenti differenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Fl-2022 sar **studju ta' fattibbiltà dwar l-għażliet għal Faċilità tal-UE għall-Kreditu għall-Esportazzjoni** kif ukoll **immappjar tal-għodod finanzjarji** li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki esterni tal-UE u li għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE. Is-sejbiet iwittu t-triq għall-esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' koordinazzjoni mtejba fost l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u nazzjonali rilevanti għall-iżvilupp.

L-istabbiliment tal-**governanza tal-Global Gateway**, kif definit f'Novembru 2022, jippromwovi arkitettura finanzjarja Ewropea aktar inklużiva. Rappreżentanti tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej bħall-BEI, il-BERŻ u l-banek tal-iżvilupp nazzjonali tal-Istati Membri huma mistiedna, fuq bażi *ad hoc*, biex jieħdu sehem fil-Bord tal-Global Gateway, flimkien mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Kummissarji oħra u l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri, biex b'hekk jiġu integrati l-operazzjonijiet ta' investiment fil-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi usa', li jinfurmaw il-gwida strateġika tal-inizjattiva.

L-**ewwel laqgħa tal-Bord tal-Global Gateway saret fil-11 ta' Diċembru 2022**, u ġiet ippreseduta mill-President von der Leyen, bil-parteċipazzjoni tar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, il-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali u l-Kummissarju għall-Viċinat kif ukoll rappreżentanti mill-Parlament Ewropew, il-Presidenti tal-BEI u tal-BERŻ kif ukoll rappreżentanti tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri.

In-natura inklużiva tal-governanza tal-Global Gateway ġiet imtejba mill-passi li ttieħdu fl-2022 biex jitħejja l-istabbiliment tal-**Grupp Konsultattiv tan-Negozju**, bil-għan li

jkun hemm involviment b'mod strutturat mas-settur privat Ewropew bħala parti integrali mill-istrateġija u mill-implimentazzjoni ta' Global Gateway.

**L-implimentazzjoni ta' Global Gateway f'approċċ ta' Tim Ewropa** hija bbażata fuq proċess ta' koordinazzjoni b'saħħtu fi Brussell, fl-Istati Membri, u f'pajjiżi sħab. Teħtieġ approċċ tal-Kummissjoni kollha u approċċ simili tal-gvern kollu fl-Istati Membri (il-Ministeri, l-aġenziji tal-iżvilupp, l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp, l-aġenziji tal-kreditu għall-esportazzjoni rilevanti kollha) flimkien mas-settur privat u bl-appoġġ tiegħu. Id-Delegazzjonijiet tal-UE, l-Ambaxxati tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp tagħhom, il-BEI u l-BERŻ huma fiċ-ċentru tal-implimentazzjoni u għandhom rwol kruċjali fl-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-investimenti u l-fehmiet tas-settur privat li jinfurmaw gwida strateġika.

Il-koerenza strateġika hija żgurata bl-Orjentazzjonijiet Strateġiċi tal-EFSD+ adottati mill-Bord Strateġiku tal-EFSD+ li jikkontribwixxu għall-Global Gateway. Pereżempju, it-"tieqa ta' konnettività" taħt l-arkitettura miftuħa tal-EFSD+ tindirizza s-setturi tal-Global Gateway bħall-Enerġija, l-Infrastruttura u dawk Diġitali. L-allinjament tal-operazzjonijiet ta' investiment proposti mal-istrateġija Global Gateway huwa vverifikat mill-Bord Operazzjonali tal-EFSD+.

**Viżibbiltà u influwenza akbar**

Il-koordinazzjoni Ewropea saret **aktar viżibbli u influwenti**. F'konformità mar-rakkomandazzjoni biex jiġu kkoordinati ulterjorment il-pożizzjonijiet komuni fl-istituzzjonijiet għall-iżvilupp multilaterali sabiex jitkellmu b'vuċi tal-UE aktar koerenti, ġew issuġġeriti messaġġi komuni ta' Tim Ewropa għall-Fond Monetarju Internazzjonali u r-Rebbiegħa tal-Bank Dinji u ġew żviluppati Laqgħat Annwali mal-Kunsill għall-ewwel darba fl-2022.

L-involviment fil-prattika permezz ta' **missjonijiet konġunti** f'approċċ ta' Tim Ewropa kiseb rilevanza matul l-2022. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kienu involuti f'missjonijiet konġunti, bħall-missjoni konġunta tal-Kummissjoni/BEI fil-COP27, żewġ missjonijiet f'Cabo Verde għall-inawgurazzjoni ta' inizjattivi ewlenin tal-Global Gateway mmexxija mill-Kummissjoni bl-involviment tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp, kif ukoll f'avvenimenti konġunti ta' viżibbiltà.

Il-gwida dwar kif għandha tiġi kkomunikata u miżjuda l-viżibbiltà ġiet kondiviża mad-Delegazzjonijiet kollha tal-UE, li rċevew appoġġ biex jiġu żviluppati **pjanijiet strateġiċi** pluriennali **ta' komunikazzjoni u ta' diplomazija pubblika** li jirriflettu l-prijoritajiet tal-UE, inkluż il-Global Gateway. Fl-2022, waslu u ġew rieżaminati aktar minn 70 pjan mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, u dan iwitta t-triq għal aktar ħidma biex tiġi appoġġata l-viżibbiltà tal-inizjattivi ewlenin tal-Global Gateway.

## 3. Il-progress fil-pjan direzzjonali

3.1 Azzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mill-NDICI-Ewropa Globali

**Direzzjoni u orjentazzjonijiet ta' politika aktar ċari**

Pjan direzzjonali: 1) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi

President, se tipprovdi direzzjoni politika ċara fid-dokumenti ta' programmazzjoni u fil-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment u se tiżgura li l-azzjonijiet ta' investiment kollha tal-UE taħt l-NDICI-Ewropa Globali u l-IPA III ikunu allinjati mal-prijoritajiet stabbiliti fid-dokumenti ta' programmazzjoni

Rapport ta' progress tal-2022
F'konformità mal-prinċipju "il-politika l-ewwel", ġie adottat approċċ aktar komprensiv għall-programmazzjoni, li jinkludi l-operazzjonijiet tal-EFSD+ flimkien ma' modalitajiet u tipi oħra ta' intervent, inklużi l-għotjiet u d-djalogu politiku.
L-allinjament tal-operazzjonijiet ta' investiment imressqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u tal-Istati Membri mal-prijoritajiet ta' politika u mal-objettivi ta' programmazzjoni ġie vvalutat b'mod sistematiku mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għal sensieli ta' operazzjonijiet ġodda kif ukoll għal operazzjonijiet għaddejjin.
L-operazzjonijiet ta' investiment kollha tal-EFSD+ iffinanzjati permezz ta' operazzjonijiet ta' taħlit u garanziji tal-arkitettura miftuħa ġew skrutinizzati permezz tal-proċeduri interni tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-Kummissjoni kif ukoll permezz ta' Laqgħa ta' Valutazzjoni Teknika (TAM) ta' rieżami bejn il-pari qabel l-opinjoni pożittiva mill-Istati Membri fil-Bord Operazzjonali rilevanti tal-EFSD+.
Dan żgura l-konformità mad-dokumenti ta' programmazzjoni (Programmi Indikattivi Pluriennali nazzjonali u reġjonali), l-allinjament mal-Inizjattivi tat-Tim Ewropa, mal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment u mal-politiki globali tal-UE bħall-Global Gateway u l-Patt Ekoloġiku, kif ukoll l-integrazzjoni tal-aspetti tal-ġeneru u dawk ambjentali.
Għat-tieqa/twieqi ddedikata/i tal-BEI, il-Kummissjoni żgurat l-allinjament mal-programmazzjoni, mat-TEIs u mal-prijoritajiet ta' politika permezz ta' proċess ta' koordinazzjoni upstream ibbażat fuq laqgħat ta' rieżami tas-sensiela ta' operazzjonijiet reġjonali/tal-pajjiżi li jsiru fuq bażi regolari.

Pjan direzzjonali: 2) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tippubblika d-dokumenti ta' programmazzjoni kollha, sabiex il-prijoritajiet ta' politika jkunu ċari għall-atturi kollha li jieħdu sehem fl-arkitettura finanzjarja tal-UE għall-iżvilupp

Rapport ta' progress tal-2022
Id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni adottati mill-Kulleġġ ġew ippubblikati fuq is-sit web Europa immedjatament wara l-adozzjoni: [Global Europe - Programming (europa.eu)](). Id-dokumenti ta' programmazzjoni annwali u pluriennali kollha adottati għall-pajjiżi tal-Viċinat u tat-Tkabbir ġew ippubblikati fuq is-sit web tad-DĠ NEAR (https://neighborhood-enlargement.ec.europa.eu/index_en).
Huwa mfakkar li fl-2021 ġew adottati 97 MIPs ma' pajjiżi sħab tal-UE. Fl-2022, bil-programmazzjoni komprensiva fil-biċċa l-kbira tagħha lesta, ġew adottati 8 MIPs addizzjonali.

Pjan direzzjonali: 3) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tiżgura li l-Bord Strateġiku tal-EFSD+ jappoġġa l-koordinazzjoni, il-kumplementarjetà u l-koerenza ġenerali tal-operazzjonijiet implimentati skont l-EFSD+

Rapport ta' progress tal-2022

F'Novembru 2021, l-ewwel Bord Strateġiku tal-EFSD+ kien diġà approva sett ta' Orjentazzjonijiet Strateġiċi għall-garanziji kollha tal-EFSD+ u għall-operazzjonijiet ta' taħlit, inklużi sitt oqsma tematiċi għat-twieqi ta' investiment. Dawn is-sitt oqsma tematiċi ġew tradotti f'sitt Dokumenti ta' Twieqi ta' Investiment, abbażi tal-proċess ta' programmazzjoni pluriennali. Dawn id-Dokumenti ta' Twieqi ta' Investiment ġew approvati mill-Bordijiet Operazzjonali tal-EFSD+ f'April 2022 u ffurmaw il-bażi għas-sejħa għal proposti għall-garanziji tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD+ u l-Programmi ta' Investiment Proposti (PIPs) sussegwentement adottati waqt il-Bordijiet Operazzjonali ta' Diċembru 2022 u Jannar 2023 għad-diversi reġjuni tal-operazzjonijiet.

Pjan direzzjonali: 4) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tkompli tipprovdi inċentivi biex jiġu mħeġġa prijoritajiet politiċi speċifiċi u jinkiseb impatt ogħla, pereżempju, biex jiġi żgurat li l-investimenti jkunu mmirati lejn dawk ir-reġjuni, il-pajjiżi (inklużi l-pajjiżi l-anqas żviluppati u reġjuni/pajjiżi prijoritarji oħrajn, kif xieraq), il-prijoritajiet tematiċi (eż. il-klima, il-konnettività…) jew il-gruppi (eż. iż-żgħażagħ, in-nisa, il-migranti...) li huma prijorità politika għall-UE.

Rapport ta' progress tal-2022

L-EFSD+ jikkontribwixxi għall-miri orizzontali identifikati fir-Regolament tal-NDICI-GE (l-iżvilupp tal-bniedem, il-bidla fil-klima, il-migrazzjoni, il-ġeneru, l-ODA). Il-kapaċità tal-Programmi ta' Investiment Proposti (PIPs) li jikkontribwixxu għal dawn il-miri tematiċi kif ukoll għall-prijoritajiet ġeografiċi deskritti fid-Dokumenti ta' Twieqi ta' Investiment kienet tikkostitwixxi kriterju importanti għall-għażla ta' proposti ta' investiment taħt is-sejħa għal arkitettura miftuħa.

L-iskontijiet fuq it-tariffi ta' garanzija għall-istituzzjonijiet finanzjarji huma kkunsidrati għal proġetti f'ċerti pajjiżi (l-LDC, il-kuntest fraġli) jew għal objettivi ta' politika (il-Ġeneru, il-Migrazzjoni). Dan l-inċentivar huwa previst ukoll taħt il-garanziji tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD+. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet lista ta' pajjiżi prijoritarji għal kull tieqa ta' investiment biex tiggwida l-iżviluppi futuri ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni potenzjali f'konformità mal-prijoritajiet rispettivi tal-programmazzjoni tal-pajjiżi.

**Inizjattivi ta' Tim Ewropa u inizjattivi ewlenin u portal ta' sħubijiet**

Pjan direzzjonali: 5) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tagħti prijorità lill-inizjattivi ewlenin u tat-Tim Ewropa jew lill-proposti mibnija fuq l-approċċ ta' Tim Ewropa (inklużi pereżempju konsorzji jew pjattaformi ta' investiment)

Rapport ta' progress tal-2022

L-approċċ ta' Tim Ewropa huwa mħeġġeġ permezz ta' diskussjonijiet dwar l-operazzjonijiet mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-EFSD+, permezz ta' missjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EFSD+ u jirrappreżenta assi għal kwalunkwe applikazzjoni ta' taħlit jew PIP li għalih tintalab kopertura ta' garanzija tal-EFSD+.

Is-sejħa għal proposti għall-EFSD+ tiddeskrivi li kull istituzzjoni finanzjarja jeħtieġ li turi għal-liema TEI(s) l-investiment rispettiv jista' jikkontribwixxi: "*Għalhekk, il-*

*formulazzjoni tal-PIPs għandha tkun konformi u għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' dawn l-inizjattivi ewlenin kif ukoll ta' inizjattivi oħra ta' Tim Ewropa b'impatt trasformattiv."* Konsegwentement, il-formola ta' applikazzjoni tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD+ kienet tinkludi fajl tal-Excel dwar TEIs li fih l-applikanti kellhom jindikaw għal liema TEIs jista' jikkontribwixxi l-investiment. Ir-rabtiet proposti ġew ivverifikati mill-Kummissjoni u se se jiġu diskussi ulterjorment waqt in-negozjar tal-ftehimiet ta' garanzija.
Għat-twieqi ta' investiment iddedikati tal-BEI: Il-BEI ġie mistieden juri għal kull investiment propost għal liema TEI/inizjattiva ewlenija jista' jikkontribwixxi l-investiment.
Għal programmi ta' investiment kontinwi tal-EFSD, l-istituzzjonijiet finanzjarji ġew mistiedna juru rabtiet tat-TEI jew jgħaqqdu l-investimenti tagħhom mat-TEIs.
Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-assoċjazzjoni tal-EDFI biex ittejjeb l-integrazzjoni tal-membri tagħha fl-inizjattivi tat-Tim Ewropa u għal allinjament aħjar mal-Global Gateway. Twettqet ħidma biex jiġi vvalutat il-potenzjal tat-TEIs għall-investimenti tal-membri tal-EDFI u biex jiġi appoġġat it-tfassil ta' nota ta' gwida konġunta dwar l-integrazzjoni tat-TEI tad-DFI.

Pjan direzzjonali: 6) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tesplora l-possibbiltà li jiġu pprovduti inċentivi taħt l-EFSD+ biex jiġu promossi l-proposti konġunti ppreżentati minn diversi istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom interess komuni biex jilħqu l-objettivi ta' politika stabbiliti, inklużi b'mod partikolari dawk ta' daqs iżgħar, ta' parteċipanti ġodda jew ta' dawk li ma humiex ivvalutati skont il-pilastri (sakemm l-istituzzjoni ewlenija tiġi vvalutata skont il-pilastri);

<u>Rapport ta' progress tal-2022</u>
Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jikkoordinaw u jingħaqdu flimkien biex irawmu approċċ inklużiv u jintegraw l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp jew l-aġenziji tal-iżvilupp mill-Istati Membri kollha. L-arranġamenti ta' kofinanzjament u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-istituzzjonijiet finanzjarji ġew imħeġġa biex jiġu ffaċilitati proposti konġunti iżda wkoll biex l-istituzzjonijiet il-ġodda jkunu jistgħu jassumu r-rwol ewlieni.
Fi ħdan is-sejħa għal proposti għall-arkitettura miftuħa, ġew ippreżentati diversi proposti konġunti, b'mod partikolari mill-Assoċjazzjoni tal-Istituzzjonijiet Ewropej ta' Finanzjamment għall-Iżvilupp permezz tal-Kumpanija Maniġerjali ddedikata tagħhom (EDFI MC) u mill-grupp JEFIC tal-banek għall-iżvilupp pubbliku (AFD, AECID, CDF, KfW) li qablu wkoll dwar proċeduri ta' dipendenza reċiproka.
Għadd ta' sħab applikaw għal garanziji għall-ewwel darba, jiġifieri Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK), Caribbean Development Bank (CDB), Cardano Development, Climate Fund Managers (CFM), Finnfund, Investeringsfonden for Udviklingslande (IFU), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp tal-Kapital (UNCDF).
Ġew iffaċilitati l-arranġamenti bejn istituzzjonijiet finanzjarji li għadhom ma ġewx ivvalutati skont il-pilastri u s-sħab b'esperjenza għall-użu tal-garanzija.
Sabiex tiżdied l-inklużività, f'Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet, fost diversi aġġustamenti mmirati għar-Regolament Finanzjarju, li titwessa' l-firxa ta' entitajiet li lilhom jistgħu jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit taħt ġestjoni indiretta. Din il-proposta, riflessa permezz ta' entrata ġdida (ix) fl-Artikolu 62.1(c), għandha l-għan li

tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' entitajiet bħall-EDFI fl-implimentazzjoni ta' fondi oħra għajr garanziji baġitarji.

Pjan direzzjonali: 7) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se ssaħħaħ l-għodod għall-bini tal-istituzzjonijiet skont it-TAIEX u l-ġemellaġġ biex issaħħaħ il-bini tal-kapaċità f'oqsma ewlenin ta' riforma u allinjament;

Rapport ta' progress tal-2022
L-istrumenti għall-bini tal-istituzzjonijiet TAIEX u Ġemellaġġ huma stabbiliti sew fil-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat tal-UE. Kull sena jsiru aktar minn 600 avveniment tat-TAIEX u bħalissa għaddejjin aktar minn 100 Ġemellaġġ. L-implimentazzjoni tat-TAIEX u l-Ġemellaġġ lil hinn mir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat bdiet fl-2020. Wara li bdew l-ewwel proġetti fiż-Żambja u fil-Kirgiżistan fl-2021, f'2022 bdew proġett ta' ġemellaġġ fin-Namibja, fir-Repubblika Dominicana, fil-Madagaskar u fir-Rwanda. Il-proġetti fil-Malawi u fit-Tanzanija se jitniedu dalwaqt. Bit-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tal-COVID-19, l-għadd ta' avvenimenti tat-TAIEX fl-Afrika sub-Saħarjana, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fil-Paċifiku u fl-Amerika Latina u fil-Karibew żdied b'mod qawwi minn nofs l-2022 'il quddiem. Fl-2022, ġew implimentati 42 avveniment. Xi proġetti jimmiraw b'mod partikolari oqsma relatati mal-EFAD, bħall-proġetti ta' ġemellaġġ dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-awditjar pubbliku f'avvenimenti fiż-Żambja u avvenimenti tat-TAIEX dwar il-Bonds Ekoloġiċi u l-FinTech fil-Vjetnam u dawk kontra l-korruzzjoni u t-trasparenza fl-akkwist pubbliku fl-Ekwador.

Pjan direzzjonali: 8) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tipprovdi aktar trasparenza rigward l-inizjattivi tat-Tim Ewropa;

Rapport ta' progress tal-2022
Fil-bidu tal-2022 tnieda sit ta' aċċess miftuħ ("Inizjattiva ta' Tim Ewropa u Isegwitur tal-Programmazzjoni Konġunta") biex l-informazzjoni dwar it-TEIs tkun tista' tiġi kondiviża mal-udjenzi esterni kollha ([9]).
Ġiet żviluppata gwida dwar it-traċċar finanzjarju tal-iżborżi għat-TEIs. Il-Kummissjoni implimentat il-prerekwiżiti tekniċi għal dan fis-sistema tad-*data* interna tagħha (permezz ta' bandiera tat-TEI). L-Istati Membri jinsabu fil-proċess li jagħmlu dan ukoll. Kien hemm koordinazzjoni mas-sorsi ta' *data* pubblika globali sabiex dawn is-sorsi jkunu jistgħu juru kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-TEIs, bħall-istatistika tal-OECD-DAC (permezz tal-qasam tal-kelma ewlenija fis-CRS) u l-istandard tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (ħidma kontinwa biex jiġi stabbilit vokabularju tat-tikketti ddedikat).

Pjan direzzjonali: 9) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tniedi portal ta' sħubijiet fl-2022 biex tiffaċilita t-tqabbil tad-domanda minn pajjiżi sħab ma' offerta minn atturi Ewropej f'termini ta' appoġġ.

([9]) https://europa.eu/capacity4dev/tei-jp-tracker/

Rapport ta’ progress tal-2022

Il-Portal tas-Sħubijiet tat-Tim Ewropa (TEPP) tnieda matul il-15-il edizzjoni tal-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp fil-21-sat-22 ta’ Ġunju 2022. Wara li l-pjattaforma online bdiet topera f’April, l-EDDs ippreżentaw opportunità biex jippreżentawha lill-partijiet ikkonċernati. Il-parteċipanti inkludew rappreżentanti ta’ organizzazzjonijiet mhux governattivi u intergovernattivi, aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp, ministeri u kumpaniji tas-settur privat.

Fl-2022, il-Kummissjoni organizzat tliet webinars u sessjoni waħda b’punt ta’ informazzjoni biex tkompli tipprovdi sensibilizzazzjoni dwar it-TEPP. Il-portal ġie ppreżentat ukoll fil-gruppi ta’ ħidma tal-Kunsill (CODEV u RELEX) u fil-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni - l-Assemblea tal-UE tar-Rappreżentanti Reġjonali u Lokali.

**Lejn mobilizzazzjoni akbar tal-investimenti privati**

Pjan direzzjonali: 10) Il-Kummissjoni se tfittex li tingrana investimenti addizzjonali bis-saħħa tal-opportunitajiet ta’ taħlit u s-saħħa ta’ garanzija akbar tal-EFSD+ u tappoġġa l-isforzi biex jiżdiedu l-istrumenti finanzjarji relatati mas-sostenibbiltà fil-pajjiżi sħab tagħna;

Rapport ta’ progress tal-2022

L-objettiv ġenerali tal-EFSD+ huwa li jimmobilizza investimenti pubbliċi u privati addizzjonali. Bħala parti mill-proċedura ta’ applikazzjoni u ta’ skrinjar tal-proposti, iridu jiġu pprovduti l-kalkoli tal-ingranaġġ ekonomiku u finanzjarju flimkien mal-verifika tas-sostenibbiltà. Iridu jimtlew taqsimiet iddedikati fid-dokumenti tal-applikazzjonijiet għat-taħlit u l-garanziji għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

B’mod partikolari, il-garanziji taħt l-arkitettura miftuħa tal-EFSD+ ikopru biss kapital privat addizzjonali akkumulat mill-programmi ta’ investiment rispettivi. L-investimenti jridu jiġu ggarantiti bil-mezzi finanzjarji proprji tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Konsegwentement, kull PIP għandu potenzjal enormi biex jingrana finanzjament privat addizzjonali.

Is-sejħa għal proposti għal arkitettura miftuħa tal-EFSD+ inkludiet it-Tieqa għall-Finanzi Sostenibbli (SFW) tal-EFSD+ bħala waħda mis-sitt Twieqi ta’ Investiment tal-EFSD+. Bl-SFW, il-Kummissjoni tfittex li tappoġġa pajjiżi b’introjtu baxx u medju fit-tisħiħ tas-swieq tal-bonds ekoloġiċi tagħhom taħt l-Inizjattiva Globali tal-Bonds Ekoloġiċi ta’ Tim Ewropa.

Il-Qafas il-ġdid għall-Kejl tar-Riżultati tal-EFSD+ (miżura ta’ referenza Nru 15) jinkludi indikaturi li jippermettu t-traċċar kemm tal-effett tal-ingranaġġ kif ukoll tal-effett multiplikatur tal-operazzjonijiet tal-EFSD+.

Pjan direzzjonali: 11) Il-Kummissjoni se tiżviluppa strateġija komprensiva li għandha l-għan li tappoġġa lill-pajjiżi b’introjtu baxx u medju biex jaċċelleraw il-fluss ta’ kapital privat domestiku u internazzjonali lejn investimenti sostenibbli f’pajjiżi b’introjtu baxx u medju, li jibbenefikaw mill-appoġġ ta’ grupp ta’ esperti ta’ livell għoli;

Rapport ta’ progress tal-2022

Fl-2022, ġie stabbilit Grupp ta’ Esperti ta’ Livell Għoli biex jeżamina l-isfidi u l-

opportunitajiet relatati mat-tisħiħ tal-finanzjament sostenibbli fl-LMICs. Wara sejħa għall-applikazzjonijiet, intgħażlu 20 membru u 20 osservatur li ġabru flimkien għarfien espert ta' livell għoli minn madwar id-dinja u minn setturi u oqsma differenti. F'Settembru 2022, il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli kellu l-laqgħa ta' tnedija tiegħu fejn ġie diskuss l-ambitu tax-xogħol u ġew stabbiliti tliet sottogruppi differenti biex jeżaminaw il-perspettiva tal-investituri u l-istrumenti finanzjarji innovattivi, jiffaċilitaw sensiela ta' proġetti sostenibbli, u jibnu ekosistemi koerenti u favorevoli rispettivament. Wara dan, saru diversi laqgħat, inkluż tnejn fl-2022 (f'Novembru u f'Diċembru).

Pjan direzzjonali: 12) Il-Kummissjoni se tesplora, fil-kuntest tal-istrateġija Global Gateway, il-possibbiltà li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Kreditu ta' Esportazzjoni biex tikkomplementa l-arranġamenti eżistenti ta' kreditu ta' esportazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u żżid is-saħħa ġenerali tal-UE f'dan il-qasam.

Rapport ta' progress tal-2022

Qed jitwettaq studju ta' fattibbiltà dwar l-għażliet għall-istrateġija tal-UE għall-krediti ta' esportazzjoni, li jinkludi wkoll l-esplorazzjoni ta' Faċilità Ewropea ta' Kreditu ta' Esportazzjoni minn kuntrattur indipendenti.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni qed tesplora l-possibbiltà ta' koordinazzjoni mtejba tal-għodod finanzjarji esterni tal-UE u tal-Istati Membri, li tkun tinvolvi kemm l-aġenziji ta' kreditu ta' esportazzjoni tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u nazzjonali rilevanti. Twettaq eżerċizzju ta' mmappjar ([10]).

Iż-żewġ eżerċizzji huma mistennija li jiġu ffinalizzati fit-tieni trimestru tal-2023 u jservu bħala l-bażi għal aktar diskussjonijiet mal-Istati Membri.

**Qafas u proċeduri legali mtejba biex jiffunzjonaw b'mod aktar effettiv**

Pjan direzzjonali: 13) Il-Kummissjoni se tistabbilixxi qafas regolatorju ġdid b'sett koerenti u simplifikat ta' regoli u proċeduri biex tiffaċilita l-appoġġ għall-investimenti

Rapport ta' progress tal-2022

Dan kien diġà nkiseb f'Ġunju 2021 bl-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Ewropa Globali tal-NDICI inkluż kapitolu ddedikat dwar il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u l-EFSD+.

Pjan direzzjonali: 14) Il-Kummissjoni se tistabbilixxi kapaċità mtejba ta' ġestjoni tar-riskju (il-Grupp ta' Valutazzjoni Teknika dwar il-Garanzija Plus, GTAG+), abbażi ta' sistemi u metodoloġiji li huma miftuħa u trasparenti għall-istituzzjonijiet finanzjarji sħab

Rapport ta' progress tal-2022

Il-Kummissjoni:

- kompliet issaħħaħ u tikkonsolida l-unità tal-ġestjoni tar-riskju billi involviet esperti ssekondati minn istituzzjonijiet finanzjarji sħab u minn esperti fir-riskju kuntrattati mill-Kummissjoni;

([10]) SWD(2023) 96 final

- iddefiniet il-politika tar-riskju għall-EFSD+, wara skambji ma' istituzzjonijiet finanzjarji sħab u opinjoni pożittiva tal-Bord Operazzjonali tal-EFSD+ fis-6 ta' April 2022;
- operazzjonalizzat il-Grupp ta' Esperti dwar ir-Riskju ta' Garanzija (GREG) – grupp indipendenti u inkluživ ta' esperti fir-riskju stabbilit fi ħdan l-Unità tal-Ġestjoni tar-Riskju li jservi kemm lid-DĠ INTPA kif ukoll lid-DĠ NEAR– u ffinalizzat arranġamenti ta' sekondar/ħatra ma' sitt istituzzjonijiet finanzjarji sħab;
- impenjat ruħha mal-istituzzjonijiet finanzjarji sħab u mad-dipartimenti tar-riskju tagħhom biex jikkondividu l-aħjar prattika dwar il-ġestjoni/il-metodoloġiji tar-riskju ta' kreditu u, fil-kuntest tal-ewwel sejħa għal proposti skont l-arkitettura miftuħa tal-EFSD+, jaslu għal fehim kondiviż tar-riskju u tal-karatteristiċi finanzjarji tal-garanziji proposti.

Pjan direzzjonali: 15) Il-Kummissjoni se timmonitorja l-istadji importanti u r-riżultati tal-operazzjonijiet ta' investiment tagħha f'konformità mas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Prestazzjoni NDICI-Ewropa Globali tagħha (parti mill-qafas usa' ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' NDICI-Ewropa Globali) u l-Qafas ta' Prestazzjoni tal-IPA III.

<u>Rapport ta' progress tal-2022</u>
Il-kriterji tat-tfassil tal-interventi tal-EFSD+ u r-riżultati/l-indikaturi tagħhom ġew ikkunsidrati mill-ġdid biex ikun jista' jiġi segwit l-impatt tal-iżvilupp tagħhom. Is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw Qafas ta' Kejl tar-Riżultati tal-EFSD+ (EFSD+ ReMF) biex jiffaċilitaw id-disinn, il-monitoraġġ u r-rappurtar koerenti dwar ir-riżultati operazzjonali miksuba bl-appoġġ tal-garanziji tal-EFSD+ u t-taħlit tal-kontribuzzjonijiet. Matul l-2022 ġew organizzati diversi laqgħat biex jiġu kkonsultati s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-EFSD+ dwar in-novitajiet tal-EFSD+ ReMF. Is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw ukoll mudelli ġodda għall-formoli ta' applikazzjoni għat-taħlit u l-garanziji li għandhom parti speċifika ddedikata għar-riżultati. Ir-ReMF il-ġdid tal-EFSD+ diġà ntuża fil-kuntest tas-sejħa għal proposti għall-arkitettura miftuħa.

3.2 Miżuri għall-affermazzjoni ta' direzzjoni politika tal-UE b'saħħitha (azzjonijiet addizzjonali)

**Nitkellmu b'vuċi waħda f'istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali**

Pjan direzzjonali: 16) il-Kummissjoni se tesplora ulterjorment l-opportunitajiet għal koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha biex tiżgura l-promozzjoni tal-valuri u l-objettivi strateġiċi tal-UE, kif ukoll il-bini ta' pożizzjonijiet komuni f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u multilaterali. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni se tibbaża fuq l-esperjenzi eżistenti ta' koordinazzjoni mad-Diretturi Eżekuttivi Ewropej fil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), fil-Grupp tal-Bank Dinji (WBG) u fil-BERŻ.

<u>Rapport ta' progress tal-2022</u>
Koordinazzjoni estensiva mad-Diretturi Eżekuttivi tal-UE (EDs) fil-Bank Dinji, inkluż permezz taż-żjara annwali tagħhom fi Brussell f'Mejju 2022 u b'mod regolari matul is-sena dwar suġġetti rilevanti (eż. l-Etjopja).

Fl-2022 - għall-ewwel darba - ġew żviluppati messaġġi komuni ssuġġeriti tat-Tim Ewropa għall-Bank Dinji u l-Laqgħat Annwali u tar-Rebbiegħa tal-FMI fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill CODEV. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw ukoll fiż-żjara annwali tal-2022 tad-Diretturi Eżekuttivi (EDs) tal-UE tal-FMI. Is-servizzi tal-Kummissjoni taw kontributi regolari fl-EDs tal-UE fil-Bank Dinji u fl-FMI qabel id-diskussjonijiet tal-bord dwar il-pajjiżi u s-suġġetti rilevanti.

3.3 Miżuri għall-promozzjoni ta' koordinazzjoni msaħħa (azzjonijiet addizzjonali)

**Koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-pajjiżi u f'dak reġjonali**

Pjan direzzjonali: 17) Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tkompli ssaħħaħ r-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE bħala koordinaturi/punti fokali sabiex tiffaċilita d-diskussjonijiet upstream mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet ta' finanzjament tagħhom u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn fil-prattika, u sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali;

Rapport ta' progress tal-2022

Il-koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE (EUDs), l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji tjiebet b'mod sinifikanti matul l-2022.

Il-proċess tat-tfassil tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa wassal għal djalogu akbar mal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-prattika, għal inkorporazzjoni aktar koerenti tal-investimenti fir-rispons tal-UE u għal involviment akbar tal-EUDs fit-tnedija tal-operazzjonijiet ta' investiment.

L-EUDs komplew iżidu r-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom li jġibu flimkien l-atturi Ewropej kollha fid-diskussjonijiet dwar l-inizjattivi ewlenin/Inizjattivi ta' Tim Ewropa u jiżguraw b'mod partikolari li l-proposti ta' investiment jiġu diskussi fi stadju preliminari biex jiġi żgurat l-allinjament mal-inizjattivi ewlenin u t-TEIs.

L-EUDs kienu involuti b'mod attiv fl-iskrinjar tal-PIPs riċevuti fil-qafas tas-sejħa għal proposti tal-EFSD+ taħt l-arkitettura miftuħa.

Fl-2022, ġew organizzati tliet sessjonijiet ta' taħriġ ad hoc dwar l-EFSD + għall-persunal fil-kwartieri ġenerali u fl-EUDs.

F'Marzu 2022, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-EDFI, organizzat sessjoni ta' ħidma mal-EUDs fil-Kenja, fil-Ghana u fil-Kosta tal-Avorju biex tippromwovi involviment aħjar tal-istituzzjonijiet finanzjarji fit-TEIs tal-pajjiżi. Il-missjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EFSD+ u l-promozzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u ta' tixrid tal-għarfien tal-EFSD+, ġew organizzati f'għadd ta' pajjiżi f'kooperazzjoni mal-EUDs matul l-2022.

Pjan direzzjonali: 18) Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tesplora l-possibbiltà li jiġu stabbiliti faċilitajiet ta' assistenza teknika, implimentati minn istituzzjonijiet differenti ta' finanzjament għall-iżvilupp li jaħdmu b'mod konġunt, fejn possibbli, sabiex jappoġġaw it-tfassil ta' proġetti bankabbli fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp u l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għas-settur privat;

Rapport ta' progress tal-2022

Il-Kummissjoni, f'approċċ ta' Tim Europe flimkien ma' istituzzjonijiet ta' finanzjament

għall-iżvilupp u ma' aġenziji ta' implimentazzjoni fit-tliet workshops li saru fl-2022, ħadmet biex tistabbilixxi **Ċentru ta' Konsulenza għall-Finanzi Sostenibbli** (iċ-"Ċentru"). Iċ-"Ċentru" se joffri assistenza teknika dwar finanzi sostenibbli fuq tliet pilastri: 1) l-oqfsa ta' finanzi sostenibbli; 2) il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi; 3) strumenti finanzjarji oħra relatati mas-sostenibbiltà. B'dan il-mod, iċ-"Ċentru" se jiġbor flimkien u jikkoordina l-għarfien espert u r-riżorsi tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi b'introjtu baxx u medju jsaħħu l-finanzi sostenibbli.

Fil-qafas tat-taħlit u l-garanziji tal-**EFSD+** , l-Assistenza Teknika għandha tiġi allokata fuq bażi ta' każ b'każ. Għall-PIPs tal-garanzija tal-arkitettura miftuħa tal-EFSD+, il-kontribuzzjonijiet tal-Assistenza Teknika se jiġu miftiehma kif meħtieġ fin-negozjati dwar il-ftehimiet ta' garanzija.

**L-appoġġ għat-tfassil ta' proġetti bankabbli**: fl-2022, il-Kummissjoni u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Netherlandiż stabbilew grupp ta' ħidma dwar l-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti bħala parti mill-inizjattiva tat-Tim Ewropa "**Investing in Young Businesses in Africa**" (TEI IYBA). L-għan tal-grupp ta' ħidma huwa li jiffaċilita l-iżvilupp sistematiku ta' sensiela ta' proġetti lesti għall-investiment (jew "bankabbli") fl-Afrika li jinvolvu **negozji u intraprendituri żgħar**, b'impatt għoli fuq l-iżvilupp, għal istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp internazzjonali, reġjonali jew lokali jew fondi ta' investiment biex jinvestu fihom. Fl-2022, il-grupp iltaqa' tliet darbiet bl-għan li jidentifika b'mod konġunt l-isfidi involuti meta wieħed ifittex li jinvesti fin-negozji fl-istadji ta' finanzjament ta' preavvjament, ta' avvjament, tas-serje A u tas-serje B. Sabiex tiġi infurmata l-ħidma tal-grupp, tħejja rapport li jirrifletti viżjoni kondiviża tal-isfidi tal-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti, abbażi ta' rieżami tal-letteratura u stħarriġ tal-atturi tal-ekosistema.

**L-appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent tas-settur privat favorevoli**: bħala parti mit-TEI IYBA, ġie stabbilit grupp ta' ħidma ieħor lejn l-aħħar tal-2021 biex jiggwida l-iżvilupp ta' programm ġdid ta' EUR 23 miljun intitolat IYBA SEBA (appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema intraprenditorjali). Il-programm ifittex li jsaħħaħ l-ekosistema ta' organizzazzjonijiet li jappoġġaw lill-imprendituri u lin-negozji fi stadju bikri. Immexxi minn FR, u bl-involviment ta' BE, DE, NL u SK, il-programm għandu fil-mira tiegħu negozji fi stadju bikri ħafna f'ħames pajjiżi: Il-Benin, il-Kenja, is-Senegal, l-Afrika t'Isfel u t-Togo. Fl-2022, il-grupp ta' ħidma fassal b'mod konġunt strateġija TEI IYBA għall-iżvilupp tal-ekosistemi tal-intraprenditorija.

Pjan direzzjonali: 19) Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se torganizza laqgħat ta' koordinazzjoni regolari fil-livell reġjonali/subreġjonali/tal-pajjiżi bil-parteċipazzjoni tad-Delegazzjonijiet tal-UE u tal-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-kwartieri ġenerali/kapitali rilevanti;

Rapport ta' progress tal-2022

Il-laqgħat ta' rieżami tal-portafoll u tas-sensiela ta' proġetti b'enfasi reġjonali saru fuq bażi regolari matul is-sena u ppermettew skambji fost l-Unitajiet ġeografiċi rilevanti tal-Kummissjoni, l-EUDs u l-organizzazzjonijiet finanzjarji dwar interventi kontinwi u ppjanati.

Pjan direzzjonali: 20) Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, se tkompli torganizza missjonijiet konġunti u jiem ta' pajjiżi f'xi reġjuni

Rapport ta' progress tal-2022
L-involviment fil-prattika permezz ta' missjonijiet konġunti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kif ukoll ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'approċċ ta' Tim Ewropa kiseb rilevanza fl-2022.
Twettqu sensiela ta' "missjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EFSD+" fil-pajjiżi tat-Tkabbir u tal-Viċinat, kif ukoll fl-Afrika sub-Saħarjana, fejn saru diskussjonijiet mal-gvernijiet sħab u mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni dwar kif l-aħjar jintużaw l-għodod tal-EFSD+ għall-prijoritajiet ta' investiment u l-inizjattivi ewlenin identifikati fil-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment rispettivi.

**Djalogu u kooperazzjoni estiżi ma' istituzzjonijiet finanzjarji mhux Ewropej**

Pjan direzzjonali: 21) Il-Kumissjoni se torganizza djalogi ta' livell għoli ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali lil hinn mill-isfera tal-UE, bħad-djalogu profond (imsejjaħ "Deep Dive") mal-Grupp tal-Bank Dinji, jew laqgħat oħrajn ta' livell għoli mal-Fond Monetarju Internazzjonali, mal-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, mal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp, mal-Bank Interamerikan tal-Iżvilupp;

Rapport ta' progress tal-2022
Fl-2022 saru għadd ta' djalogi fil-livell ta' maniġment superjuri mal-Bank Dinji u mal-FMI. Fil-Laqgħat Annwali, il-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali mexxa d-delegazzjoni f'Washington u ltaqa' ma' firxa wiesgħa ta' interlokuturi ewlenin. Inżamm djalogu politiku mmirat mad-WBG u mal-FMI matul is-sena kollha permezz ta' skambji regolari fil-livell maniġerjali u tekniku, inklużi preżentazzjonijiet lill-maniġment tad-WBG dwar l-appoġġ tal-UE għall-Ukrajna, it-TEIs u l-Global Gateway, jew l-Etjopja. L-organizzazzjoni ta' ħames workshops tekniċi dwar il-bidla fil-klima, il-fraġilità, il-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżvilupp tas-settur finanzjarju kkontribwew għal djalogu aktar orjentat lejn il-politika mal-FMI. Kompliet il-ħidma fuq it-tħejjijiet tad-djalogi ta' livell għoli mad-WBG u mal-FMI li huma ppjanati għat-tieni u t-tielet trimestri tal-2023. Il-Kummissjoni identifikat ukoll għadd ta' TEIs li jistgħu jipprovdu opportunitajiet ta' kooperazzjoni ma' diversi IFIs (speċjalment il-WB).

In-negozjati mal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp dwar il-Ftehim Qafas ta' Sħubija Finanzjarju (FFPA) ġew konklużi fl-2022 u ħejjew it-triq għal djalogu u kooperazzjoni strateġiċi aktar komprensivi.

Pjan direzzjonali: 22) Il-Kummissjoni se tesplora oqsma potenzjali ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn tal-finanzi għall-iżvilupp (eż. il-Fond Nordiku għall-Iżvilupp, il-Bank Iżlamiku tal-Iżvilupp, il-Grupp ta' Koordinazzjoni Għarbi, fost l-oħrajn).

Rapport ta' progress tal-2022
Il-Kummissjoni kompliet id-djalogu ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, lil hinn minn dawk li diġà saritilhom valutazzjoni skont il-pilastri, inkluż il-Bank Iżlamiku tal-Iżvilupp

u l-Grupp ta' Koordinazzjoni Għarbi. Hija organizzat b'suċċess konferenza ta' Djalogu bejn l-Għarab u d-DAC fil-15 ta' Settembru 2022 li kkonfermat interessi u objettivi komuni, u r-rieda li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna. Sussegwentement ġew organizzati workshops (mas-Saudi Fund for Development u mal-ISDB) fir-raba' trimestru tal-2022 biex jittejbu l-fehim u l-kooperazzjoni reċiproċi, u sar l-ewwel skambju bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Fond Għarbi matul il-Laqgħat Annwali.

3.4 Miżuri biex tinbena arkitettura finanzjarja aktar inklużiva (azzjonijiet addizzjonali)

**Żgurar ta' diskussjonijiet inklużivi fil-livelli kollha**

Pjan direzzjonali: 23) Il-Kummissjoni se tiżgura li l-aspetti strateġiċi relatati mal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp jiġu diskussi fil-qafas tal-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-UE għall-Iżvilupp, li huwa forum inklużiv, kemm spiss ikun meħtieġ u mill-inqas darba fis-sena u, bl-istess mod, li l-kwistjonijiet tekniċi jiġu diskussi f'laqgħat tekniċi inklużivi (pereżempju, is-simplifikazzjoni tal-formoli ta' applikazzjoni għall-finanzjament tal-EFSD+, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni, il-kofinanzjament, l-istrateġiji armonizzati, il-proċeduri ta' dipendenza u rikonoxximent reċiproċi, il-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza, eċċ.).

<u>Rapport ta' progress tal-2022</u>
L-istituzzjonijiet Ewropej ta' finanzjament għall-iżvilupp ġew integrati b'mod aktar sistematiku f'diskussjonijiet ta' politika u strateġiċi, kif ukoll fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Inzjattivi ta' Tim Ewropa u proġetti ewlenin ta' Global Gateway. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tagħhom fil-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-UE għall-Iżvilupp, flimkien mal-Ministeri u l-organizzazzjonijiet ta' Implimentazzjoni, f'approċċ ta' Tim Ewropa, ġiet konsolidata bħala prattika standard matul l-2022. Fl-2022 saru erba' laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-UE għall-Iżvilupp li laqqgħu flimkien lir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tal-banek multilaterali Ewropej u tal-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni Ewropej b'mod inklużiv. L-aġendi inkludew diskussjonijiet dwar it-titjib tal-implimentazzjoni u dwar kif jista' jsir l-aħjar użu tal-għodod finanzjarji. Il-laqgħa ta' April 2022 inkludiet punt fl-aġenda ddedikat speċifikament għall-EFAD, wara l-adozzjoni tal-pjan direzzjonali u l-ewwel rapport ta' progress.
Ġew organizzati seba' laqgħat tekniċi dwar il-Qafas ta' Kejl tar-Riżultati tal-EFSD+ u d-dokument il-ġdid tal-applikazzjoni, kemm mal-IFI kif ukoll mal-Istati Membri (ikkomplementat minn oħrajn bilaterali).
Fl-2022, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma mal-istituzzjonijiet finanzjarji dwar l-integrazzjoni tal-ġeneru fl-istrumenti u l-garanziji finanzjarji.

**Appoġġ imsaħħaħ għall-valutazzjonijiet tal-pilastri**

Pjan direzzjonali: 24) Il-Kummissjoni se tkompli tassisti u tipprovdi parir metodoloġiku lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej li jkunu għaddejjin mill-proċess ta' valutazzjoni skont il-pilastri.

<u>Rapport ta' progress tal-2022</u>

Matul is-sena, il-Kummissjoni (DĠ INTPA) tat parir metodoloġiku lil 16-il istituzzjoni finanzjarja Ewropea li kienu għaddejjin minn valutazzjonijiet komplementari skont il-pilastri (li għalihom ġew iffinalizzati 15) u lil 5 istituzzjonijiet finanzjarji applikanti ġdida, inkluż permezz ta' laqgħat iddedikati ta' informazzjoni ddedikati u kontrolli tal-eliġibbiltà għal applikanti ġodda.

3.5 Miżuri biex tiżdied il-viżibbiltà u l-influwenza tal-UE (azzjonijiet addizzjonali)

**Tisħiħ tal-isforzi ta' komunikazzjoni f'approċċ ta' Tim Ewropa**

Pjan direzzjonali: 25) Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tiżviluppa flimkien mal-Istati Membri u mad-DFIs qafas ta' rappurtar konġunt għall-operazzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri madwar id-dinja fuq bażi annwali, sabiex jiġu ppreżentati ċifri u kisbiet aggregati kkonsolidati u komparabbli tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri b'appoġġ għall-prijoritajiet ta' komunikazzjoni strateġika;

Rapport ta' progress tal-2022
Il-Kummissjoni qed tesplora opzjonijiet għar-rapportar finanzjarju dwar il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE inkluż il-Global Gateway b'mod aktar komprensiv. Dan jinkludi l-inkoraġġiment lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jagħmlu użu aktar estensiv mill-mezzi ta' rappurtar eżistenti bħas-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD kif ukoll l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD), b'mod partikolari fir-rigward ta' Flussi Uffiċjali Oħra (OOFs) u ammonti privati mmobilizzati. Barra minn hekk, biex tkopri l-ħtiġijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u medju, il-Kummissjoni ressqet riflessjonijiet interni dwar mekkaniżmu potenzjali ta' rappurtar *ad hoc* għad-*data* li bħalissa ma hijiex koperta mill-pjattaformi eżistenti.

Pjan direzzjonali: 26) Il-Kummissjoni se tħejji pjanijiet ta' komunikazzjoni strateġika tal-pajjiżi f'pajjiżi sħab li jlaqqgħu flimkien attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika u attivitajiet ta' diplomazija pubblika biex jinbena network fit-tul, biex jintwerew il-valuri u l-prinċipji tal-UE, kif ukoll l-iskala u l-ambitu tal-impenn Ewropew għall-udjenzi lokali;

Rapport ta' progress tal-2022
Id-Delegazzjonijiet tal-UE fir-reġjuni kollha ġew appoġġati biex jiżviluppaw pjanijiet strateġiċi pluriennali ta' komunikazzjoni u diplomazija pubblika li jirriflettu l-prijoritajiet tal-UE. Fl-2022 ġew rieżaminati aktar minn 70 Pjan Strateġiku ta' Komunikazzjoni u Diplomazija Pubblika.
B'mod ġenerali, il-komponenti tal-komunikazzjoni Strateġika kisbu rilevanza fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali. Fost l-AAPs approvati fl-2022, ġew approvati aktar minn 35 Faċilità ta' Kooperazzjoni/Komunikazzjoni Strateġika fir-reġjuni kollha.

Pjan direzzjonali: 27) Il-Kummissjoni se tipprovdi aktar gwida għall-komunikazzjoni u materjali ta' komunikazzjoni lid-Delegazzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa li jistgħu jintużaw fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom (pereżempju, stejjer ta' suċċess tal-UE u tal-Istati Membri li jaġixxu f'approċċ ta' Tim Ewropa li juru għaliex naġixxu u x'nirrappreżentaw

(angolu lokali, valuri komuni, approċċ iċċentrat fuq il-bniedem));

Rapport ta’ progress tal-2022

Ġew organizzati sessjonijiet ta’ informazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-UE dwar l-approċċ il-ġdid għall-komunikazzjoni strateġika u d-diplomazija pubblika u l-Linji Gwida aġġornati tal-2022 dwar il-Komunikazzjoni u ż-Żieda tal-Viżibbiltà tal-UE. Aġġornamenti dwar it-tnedija tal-komunikazzjoni tal-Global Gateway u l-istrateġija konġunta ġew ippreżentati lill-Istati Membri tal-UE fil-grupp ta’ ħidma tal-Kunsill RELEX fi 3 laqgħat separati fl-2022. L-approċċ strateġiku għall-komunikazzjoni ġie ppreżentat ukoll lid-DFI Ewropew u lin-Network tal-Prattikanti fil-livell tekniku, u ġie rifless fir-reviżjoni tal-Ftehimiet Qafas ta’ Sħubija Finanzjarja rilevanti (eż. mal-BERŻ).

Pjan direzzjonali: 28) Il-Kummissjoni se tikkoordina mal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE parteċipanti u mal-Istati Membri t-tħabbira ta’ operazzjonijiet ġodda f’approċċ ta’ Tim Ewropa permezz ta’ aħbarijiet (stqarrijiet għall-istampa jew mezzi tal-media soċjali) u parteċipazzjoni konġunta, fejn xieraq, fiċ-ċerimonji tal-iffirmar tal-operazzjonijiet inklużi fil-portafolli koperti mill-Garanzija tal-EFSD+;

Rapport ta’ progress tal-2022

Diversi avvenimenti ta’ tnedija u stqarrijiet għall-istampa tħejjew b’mod konġunt ma’ istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE u ma’ Stati Membri, inkluż fil-kuntest ta’ avvenimenti ta’ profil għoli bħall-COP27

Pjan direzzjonali: 29) Il-Kummisjoni se tiżviluppa preżenza ċara fuq l-internet għall-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE bl-użu ta’ finanzjament imħallat, garanziji baġitarji u assistenza teknika.

Rapport ta’ progress tal-2022

Fl-2022, is-sit web tad-DĠ INTPA fuq Europa ġie ttrasferit lejn pjattaforma tal-internet ġdida, il-Europa Web Publishing Platform (EWPP). Il-kontenut tal-internet u l-arkitettura tal-informazzjoni tas-sit web tad-DĠ INTPA ġew aġġornati u ssimplifikati. L-approċċ il-ġdid għall-komunikazzjoni strateġika u d-diplomazija pubblika fir-rigward tal-preżenza fuq l-internet ta’ programmi ffinanzjati mill-UE jipprevedi razzjonalizzazzjoni (kwantità u kontenut). Il-preżenzi fuq l-internet ta’ programmi ffinanzjati mill-UE se jiġu ospitati fuq il-pjattaforma Europa u mhux se jinħolqu siti web ġodda relatati ma’ proġetti/programmi.
Il-preżenza l-ġdida fuq l-internet se tkun konċiża, se tħalli aktar impatt u se tkun kosteffettiva u marbuta b’mod aktar ċar mal-Global Gateway u ma’ objettivi ta’ politika oħrajn tal-UE.